Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Ottubru 2025**
**(OR. en)**

**14026/25**

**SOC 668**
**EMPL 437**
**SAN 633**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-Slovakkja |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-Slovakkja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

[1] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-5 ta' Marzu 2025[2], il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mis-6 ta' Marzu 2025 sal-5 ta' Marzu 2028.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Adam ŠULÍK, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.

(3) Is-Slovakkja ppreżentat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2025 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C C/2025/1689, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1689/oj).

*Artikolu 1*

Is-Sa Kristína ŽAŤKOVÁ hija maħtura membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Adam ŠULÍK għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-5 ta' Marzu 2028.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill*
*Il-President*